II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/987

tal-20 ta' Jannar 2020

li jikkoreġi ċerti verżjonijiet tal-lingwa tar-Regolament Delegat (UE) Nru 1254/2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar enerġetiku tal-unitajiet ta' ventilazzjoni residenzjali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 li jistabbilixxi qafas għat-tikkettar tal-enerġija u li jħassar id-Direttiva 2010/30/UE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu,

Billi:

(1) Il-verżjonijiet tal-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Kroata, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Slovakka, Slovena, Spanjola, Taljana, Ungeriża u Żvediża tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1254/2014 ([2]) fihom żbalji fil-punt (e) tal-Artikolu 1(2) fir-rigward tal-unitajiet ta' ventilazzjoni residenzjali li huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Dawk l-iżbalji jaffettwaw is-sustanza ta' dik id-dispożizzjoni.

(2) Il-verżjoni tal-lingwa Maltija tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1254/2014 fiha żball anki fil-punt (f) tal-Artikolu 1 (2) fir-rigward tal-unitajiet ta' ventilazzjoni residenzjali li huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Dak l-iżball jaffettwa s-sustanza ta' dik id-dispożizzjoni.

(3) Il-verżjoni tal-lingwa Żvediża tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1254/2014 fiha żball addizzjonali fil-punt (9) tal-Anness I u fil-punt (o) tal-Anness IV fir-rigward ta' wieħed mit-termini definiti għall-finijiet tal-Annessi II sa IX. Dak l-iżball jaffettwa s-sustanza ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

(4) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-verżjonijiet tal-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Kroata, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Slovakka, Slovena, Spanjola, Taljana, Ungeriża u Żvediża tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1254/2014 jiġu kkoreġuti kif xieraq. Il-verżjonijiet tal-lingwa l-oħrajn mhumiex affettwati,

([1]) ĠU L 198, 28.7.2017, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1254/2014 tal-11 ta' Lulju 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar enerġetiku tal-unitajiet ta' ventilazzjoni residenzjali (ĠU L 337, 25.11.2014, p. 27).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1254/2014 huwa kkoreġut kif ġej:

(1) l-Artikolu 1(2) huwa kkoreġut kif ġej:

(a) il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) jinkludu skambjatur tas-sħana u pompa tas-sħana għall-irkupru tas-sħana, jew li tippermetti t-trasferiment jew l-estrazzjoni tas-sħana bħala funzjoni addizzjonali għas-sistema tal-irkupru tas-sħana, bl-eċċezzjoni tat-trasferiment tas-sħana għall-protezzjoni mill-ġlata jew għat-tneħħija tas-silġ;";

(b) il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej: "(f) huma klassifikati bħala estratturi tal-kukers koperti mir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 65/2014 ([3]).

(2) *(ma japplikax għal-lingwa Maltija)*;

(3) *(ma japplikax għal-lingwa Maltija)*.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Jannar 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([3]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 65/2014 tal-1 ta' Ottubru 2013 li jissupplimenta lid-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fejn jidħol it-tikkettar enerġetiku tal-fran domestiċi u l-estratturi tal-kukers (ĠU L 29, 31.1.2014, p. 1).";